KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fil-11 ta' Jannar 2018[1]

Kawża C-673/16

Relu Adrian Coman,
Robert Clabourn Hamilton,
Asociația Accept
vs
Inspectoratul General pentru Imigrări,
Ministerul Afacerilor Interne,
Consiliul Național pentru Combaterea Discriminării

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Curtea Constituțională a României (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea – Direttiva 2004/38/KE – Artikolu 2(2)(a) – Kunċett ta' 'konjuġi' – Dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqalqu u jirrisjedu fit-territorju tal-Unjoni – Żwieġ bejn persuni tal-istess sess – Nuqqas ta' rikonoxximent taż-żwieġ mill-Istat ospitanti – Artikolu 3 – Kunċett ta' 'membru ieħor tal-familja' – Artikolu 7 – Dritt ta' residenza għal iktar minn tliet xhur – Artikoli 7 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea"

I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-Artikolu 2(2)(a), l-Artikolu 3(1) u 3(2)(a) u 3(2)(b) u l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE[2].

2. Hija tagħti l-okkażjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja li tippronunzja ruħha, għall-ewwel darba, dwar il-kunċett ta' "konjuġi" fis-sens tad-Direttiva 2004/38 fil-kuntest ta' żwieġ konkluż bejn żewġt irġiel. L-eżerċizzju huwa delikat peress li, jekk iż-żwieġ huwa istituzzjoni *ġuridika*, u dan fil-kuntest speċifiku u limitat tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea, id-definizzjoni li ser tiġi adottata tal-kunċett "konjuġi" ser taffettwa, neċessarjament, l-identità stess tal-irġiel u nisa kkonċernati – u allura d-dinjità tagħhom –, imma wkoll it-tifsira personali u soċjali li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom taż-żwieġ, li tista' tvarja minn persuna għal oħra, minn Stat Membru għall-ieħor.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.
2 ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Il-Karta

3. L-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), intitolat "Ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja" jipprovdi li:

"Kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-kommunikazzjonijiet tagħha."

4. Skont l-Artikolu 9 tal-Karta, "[i]d-dritt għaż-żwieġ u d-dritt għat-twaqqif ta' familja huma ggarantiti skond il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dawn id-drittijiet".

5. L-Artikolu 21(1) tal-Karta jipprojbixxi min-naħa tiegħu "[k]ull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, ilkaratteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali".

2. It-Trattat FUE

6. Skont l-Artikolu 21 TFUE, "[k]ull ċittadin ta' l-Unjoni għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri, salvi l-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u d-dispożizzjonijiet meħuda sabiex dan jitwettaq."

3. Id-Direttiva 2004/38

7. Il-premessi 2, 5, 6 u 31 tad-Direttiva 2004/38 jipprovdu li:

"(2) Il-moviment liberu tal-persuni jikkostitwixxi wieħed mil-libertajiet fundamentali fis-suq intern, li jinkludi żona mingħajr fruntieri interni, fejn il-libertà hi żgurata skond id-disposizzjonijiet tat-Trattat.

[…]

(5) Id-dritt taċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni li jiċċaqalu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri għandu, jekk se jiġi eżerċitat taħt il-kondizzjonijiet objettivi tal-libertà u d-dinjità, jingħata wkoll lill-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjoni ta' 'membri tal-familja' għandha tinkludi wkoll is-sieħeb/sieħba reġistrat/reġistrata jekk il-leġislazzjoni tal-Membru Stat li qed jospita jikkonsidra koppja bħal din bħala ekwivalent għal żwieġ.

(6) Sabiex tinżamm l-unità tal-familja fis-sens l-aktar wiesgħa u mingħajr diskriminazzjoni minħabba ċ-ċittadinanza, is-sitwazzjoni ta' dawk il-persuni li mhumiex inklużi fid-definizzjoni ta' membri ta' familja taħt din id-Direttiva, u li għalhekk ma jgawdux minn dritt awtomatiku ta' dħul u ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti, għandha tiġi eżaminata mill-Istat Membru ospitanti skond il-bażi tal-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, sabiex jiddeċiedi jekk id-dħul u r-residenza għandhomx jiġu awtorizzati lil dawn il-persuni, waqt li titqies ir-relazzjoni tagħhom maċ-ċittadin ta' l-Unjoni jew kwalunkwe ċirkostanzi oħrajn, bħad-dipendenza finanzjarja jew fiżika fuq iċ-ċittadin ta' l-Unjoni.

[…]

(31) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet u l-libertajiet fondamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Skond il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni li tinsab fil-Karta, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw din id-Direttiva mingħajr diskriminazzjoni bejn il-benefiċjarji ta' din id-Direttiva minħabba sess, razza, kulur tal-ġilda, oriġini etnika jew soċjali, karatteristiċi ġenetiċi, ilsien, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew ta' natura oħra, sħubija f'minoranza etnika, proprjetà, twelid, diżabilità, età, jew preferenzi sesswali".

8. L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

[…]

2) 'membru tal-familja' tfisser:

a) ir-raġel jew martu [konjuġi];

b) is-sieħeb/sieħba li daħal/daħlet f'kuntratt ta' unjoni reġistrata maċ-ċittadin/a ta' l-Unjon, skond il-bażi tal-leġislazzjoni ta' Stat Membru, jekk il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ospitanti tikkonsidra bħala ugwali għal żwieġ l-unjonijiet reġistrati u skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni rilevanti ta' l-Istat Memrbu ospitanti;

ċ) id-dixxendenti diretti li għandhom inqas minn 21 sena jew li huma dipendenti u dawk tar-raġel jew tal-mara jew tas-sieħeb/sieħba kif imfissra fil-punt (b);

d) il-qraba diretti dipendenti u dawk tar-raġel jew tal-mara jew tas-sieħeb/sieħba kif imfissra fil-punt (b);

[…]"

9. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Benefiċjarji", huwa fformulat kif ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għaċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni li jiċċaqilqu jew li jgħixu fi Stat Membru għajr iċ-ċittadini ta' l-istess Stat Membru, u għall-membri tal-familja tagħhom kif imfissra fil-punt 2 ta' l-Artikolu 2 li jakkumpanjawhom jew li jingħaqdu magħhom.

2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dritt ta' moviment liberu u residenza li l-persuni kkonċernati jista' jkollhom, l-Istat Membru ospitanti, skond il-leġislazzjoni nazzjonali, għandu jiffaċilita d-dħul u r-residenza tal-persuni li ġejjin:

a) kwalunkwe membri oħrajn tal-familja, irrispettivament miċ-ċittadinanza, li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni tal-punt 2 ta' l-Artikolu 2 li, fil-pajjiż li ġejjin minnu huma dipendenti jew membri tad-dar taċ-ċittadin ta' l-Unjoni li għandu d-dritt primarju ta' residenza, jew meta raġunijiet serji ta' saħħa strettament jeħtieġu l-kura personali tal-membru tal-familja miċ-ċittadin ta' l-Unjoni;

b) is-sieħeb li miegħu ċ-ċittadin ta' l-Unjoni għandu relazzjoni stabbli, debitament ċertifikata.

L-Istat Membru ospitanti għandu jaffettwa eżami estensiv taċ-ċirkostanzi personali u għandu jiġġustifika kwalunkwe tiċħid ta' dħul jew ta' residenza lil dawn in-nies".

10. L-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 2004/38, intitolat "Dritt ta' residenza ta' aktar minn tliet xhur", jipprovdi:

"1. Iċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni għandhom id-dritt ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għal perjodu ta' aktar minn tliet xhur jekk huma:

a) ħaddiema jew nies li jaħdmu għal rashom fl-Istat Membru ospitanti; jew

b) għandhom biżżejjed riżorsi għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' l-għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu tagħhom ta' residenza u għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti; jew

ċ) miktuba f'istitut privat jew pubbliku, akkreditat jew finanzjat mill-Istat Membru ospitanti skond il-bażi tal-leġislazzjoni jew tal-prattika amministrattiva tiegħu, għall-iskop prinċipali li jiġi segwit kors ta' studju, inkluż taħriġ professjonali; u

għandhom assigurazzjoni ta' mard komprensiva fl-Istat Membru ospitanti u jassiguraw lill-awtorità nazzjonali rilevanti, permezz ta' dikjarazzjoni jew b'mezzi oħrajn ekwivalenti li jagħżlu huma, li għandhom riżorsi suffiċjenti għalihom u għall-membri tal-familja tagħhom biex ma jkunux ta' piż fuq is-sistema ta' l-għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru ospitanti matul il-perjodu tagħhom ta' residenza; jew

d) membri tal-familja li qed jakkumpanjaw jew li se jingħaqdu ma' ċittadin ta' l-Unjoni li jissoddisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) jew (ċ).

2. Id-dritt ta' residenza previst fil-paragrafu 1 għandu jkun estiż għall-membri tal-familja li mhumiex ċittadini ta' Stat Membru, li jakkumpanjaw jew li jingħaqdu maċ-ċittadin ta' l-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti, sakemm dan iċ-ċittadin ta' l-Unjoni jissoddisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 (a), (b) jew (ċ)".

B. Id-dritt Rumen

11. Skont l-Artikolu 259(1) u (2) tal-Kodiċi Ċivili:

"1. Iż-żwieġ huwa l-unjoni volontarja bejn raġel u mara, konkluż taħt il-kundizzjonijiet previsti mil-liġi.

2. Ir-raġel u l-mara għandhom id-dritt li jiżżewġu biex jgħaqqdu familja".

12. Skont l-Artikolu 277(1), (2) u (4) tal-Kodiċi Ċivili:

"1. Iż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess huwa pprojbit.

2. Iż-żwiġijiet bejn persuni tal-istess sess konklużi jew ikkuntrattati barra mill-pajjiżi minn ċittadini Rumeni jew minn barranin ma humiex irrikonoxxuti fir-Rumanija. […]

4. Id-dispożizzjonijiet legali dwar il-moviment liberu fit-territorju Rumen taċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-[Unjoni] u taż-Żona Ekonomika Ewropea għandhom ikunu applikabbli".

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali

13. R. Coman huwa ċittadin Rumen li għandu wkoll in-nazzjonalità Amerikana. Huwa ltaqa' ma' R. Hamilton, ċittadin Amerikan, fi New York (Stati Uniti) f'Ġunju 2002. Huma kkoabitaw hemmhekk minn Mejju 2005 sa Mejju 2009. F'dik id-data, R. Coman stabbilixxa ruħu fi Brussell biex jaħdem fil-Parlament Ewropew bħala assistant parlamentari, mentri R. Hamilton baqa' fi New York. Huma żżewġu fi Brussell fil-5 ta' Novembru 2010.

14. F'Marzu 2012, R. Coman waqaf jaħdem mal-Parlament Ewropew u baqa' fi Brussell. F'Diċembru 2012, R. Coman u żewġu bdew bil-passi amministrattivi mal-amministrazzjoni Rumena sabiex jiksbu d-dokumenti neċessarji biex R. Coman ikun jista', flimkien mal-konjuġi tiegħu mhux ċittadin tal-Unjoni Ewropea, jaħdem u jirrisjedi legalment fir-Rumanija għal żmien ta' iktar minn tliet xhur.

15. Permezz ta' ittra tal-11 ta' Jannar 2013, l-Inspectoratul General pentru Imigrări (l-Ispettorat Ġenerali Responsabbli mill-Immigrazzjoni, ir-Rumanija) ta risposta negattiva għat-talba tagħhom. Skont din l-ittra, l-estensjoni tad-dritt ta' residenza temporanja ta' ċittadin Amerikan fiċ-ċirkustanzi previsti mil-leġiżlazzjoni Rumena fil-qasam tal-immigrazzjoni magħqud mad-dispożizzjonijiet legali l-oħra rilevanti f'dan il-qasam ma tistax tingħata għall-iskop tar-riunifikazzjoni familjari.

16. Fit-28 ta' Ottubru 2013, R. Coman u R. Hamilton ippreżentaw, flimkien mal-Asociația Accept, rikors kontra d-deċiżjoni tal-Inspectoratul General pentru Imigrări (l-Ispettorat Ġenerali Responsabbli mill-Immigrazzjoni) quddiem il-Judecătoria Sectorului 5 București (il-Qorti tal-Ewwel Istanza tas-settur 5 ta' Bukarest, ir-Rumanija).

17. Fil-kuntest ta' din il-kawża, huma invokaw eċċezzjoni ta' antikostituzzjonalità kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 277(2) u (4) tal-Kodiċi Ċivili. Skont dawn, in-nuqqas ta' rikonoxximent taż-żwiġijiet bejn persuni tal-istess sess konklużi barra mill-pajjiż, għall-iskopijiet tal-eżerċizzju tad-dritt ta' residenza, jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-kostituzzjoni Rumena li jipproteġu d-dritt għall-ħajja intima, għall-ħajja tal-familja u għall-ħajja privata kif ukoll tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-prinċipju ta' ugwaljanza.

18. Fit-18 ta' Diċembru 2015, il-Judecătoria Sectorului 5 București (il-Qorti tal-Ewwel Istanza tas-settur 5 ta' Bukarest) adixxiet lill-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) sabiex din tippronunzja ruħha dwar l-imsemmija eċċezzjoni. Din tal-aħħar iddikjarat li din il-kawża tirrigwarda biss ir-rikonoxximent tal-effetti ta' żwieġ legalment konkluż barra mill-pajjiż bejn ċittadin tal-Unjoni u l-konjuġi tiegħu tal-istess sess, ċittadin ta' pajjiż terz, fid-dawl tad-dritt għall-ħajja familjari u tad-dritt għall-moviment liberu, meqjusin mill-anglu tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali. F'dan il-kuntest, hija wriet dubji dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lil diversi kunċetti użati mid-Direttiva 2004/38, moqrija fid-dawl tal-Karta u tal-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") dwar id-dritt għall-ħajja familjari. Hija ddeċidiet, għaldaqstant, li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari.

IV. It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Permezz ta' deċiżjoni tad-29 ta' Novembru 2016, li waslet fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-30 ta' Diċembru 2016, il-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) iddeċidiet għaldaqstant li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-kunċett ta' 'r-raġel jew martu [konjuġi]' fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38/[KE] 1, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 9, 21 u 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jinkludi l-konjuġi [ċittadin ta'] Stat mhux membru tal-Unjoni Ewropea, [tal-istess sess bħaċ-]ċittadin tal-Unjoni Ewropea li miegħu huwa legalment miżżewweġ, skont il-liġi ta' Stat Membru li ma huwiex l-Istat ospitanti?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, l-Artikoli 3(1) u 7[2] [3] tad-Direttiva 2004/38/[KE], moqrija fid-dawl tal-Artikoli 7, 9, 21 u 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikjedu li l-Istat Membru ospitanti jagħti d-dritt ta' residenza fit-territorju tiegħu għal terminu ta' iktar minn tliet xhur lill-konjuġi tal-istess sess ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea?

3) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, il-konjuġi [ċittadin ta'] Stat mhux membru tal-Unjoni Ewropea, [li hu tal-istess sess bħaċ-]ċittadin tal-Unjoni Ewropea li miegħu huwa legalment miżżewweġ, skont il-liġi ta' Stat Membru li ma huwiex l-Istat ospitanti, jista' jiġi kklassifikat bħala 'kwalunkwe membri oħrajn tal-familja [...]' fis-sens tal-Artikolu 3(2)(a) tad-Direttiva 2004/38/[KE] jew bħala 'is-sieħeb li miegħu ċ-ċittadin ta' l-Unjoni għandu relazzjoni stabbli, debitament ċertifikata' fis-sens tal-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2004/38/[KE], bl-obbligu li jirriżulta għall-Istat Membru ospitanti li jiffavorixxi d-dħul u r-residenza tal-persuna kkonċernata, anki jekk l-Istat ospitanti ma jirrikonoxxix iż-żwiġijiet bejn persuni tal-istess sess u ma jipprevedi l-ebda mezz alternattiv ta' rikonoxximent legali, bħas-sħubijiet irreġistrati?

4) Fil-każ ta' risposta affermattiva għat-tielet domanda, l-Artikoli 3(2) u 7(2) tad-Direttiva 2004/38/[KE], moqrija fid-dawl tal-Artikoli 7, 9, 21 u 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikjedu li l-Istat Membru ospitanti jagħti d-dritt ta' residenza fit-territorju tiegħu għal terminu ta' iktar minn tliet xhur lill-konjuġi tal-istess sess ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea?"

20. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Rumen, dak Ungeriż, dak Olandiż u dak Pollakk, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

21. Barra minn hekk, ħlief għall-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, huma kollha ttrattaw oralment waqt is-seduta li nżammet fil-21 ta' Novembru 2017. Il-Gvern Latvjan u l-Consiliul Național pentru Combaterea Discriminării, li ma kinux ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub, setgħu wkoll jittrattaw fuq l-argumenti tagħhom waqt din is-seduta.

3 Jidher li hemm żball tat-tipa fil-formulazzjoni tat-tieni domanda. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju ssemmi l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2004/38. Issa, peress li R. Hamilton huwa ċittadin ta' Stat terz, din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbli għas-sitwazzjoni tiegħu, b'kuntrast mal-Artikolu 7(2) tal-imsemmija direttiva. Barra minn hekk, din l-aħħar dispożizzjoni hija dik li tissemma fir-raba' domanda.

V. Analiżi

A. Fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 2004/38

22. L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38 jiddefinixxi l-"benefiċjarji" ta' din id-direttiva bħala "ċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni li jiċċaqilqu jew li jgħixu *fi Stat Membru għajr iċ-ċittadini ta' l-istess Stat Membru*, u l-membri tal-familja tagħhom kif imfissra fil-punt 2 ta' l-Artikolu 2 li jakkumpanjawhom jew li jingħaqdu magħhom"[4].

23. Fil-kuntest tal-kawża prinċipali, R. Hamilton ma jistax għaldaqstant jinvoka d-direttiva favurih. Fil-fatt, kif diġà ddeċidiet b'mod partikolarment ċar il-Qorti tal-Ġustizzja, "minn interpretazzjoni litterali, sistematika u teleoloġika tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38 jirriżulta li dawn ma jippermettux li jiġi bbażat dritt ta' residenza derivat favur ċittadini ta' Stati terzi, li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, fl-Istat Membru ta' fejn dan iċ-ċittadin għandu n-nazzjonalità"[5].

24. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li dritt ta' residenza dderivat seta' jkun ibbażat, f'ċerti ċirkustanzi, fuq l-Artikolu 21(1) TFUE u li, f'dak il-kuntest, id-Direttiva 2004/38 kellha tkun applikata b'analoġija[6].

25. Fil-fatt, kieku ċittadin ta' Stat terz, membru tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, ma jkollux dritt ta' residenza fl-Istat Membru li tiegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni għandu n-nazzjonalità, dan jista' jiġi dissważ milli jitlaq dak l-Istat Membru sabiex jeżerċita attività bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru ieħor minħabba n-nuqqas ta' ċertezza, għal dan il-ħaddiem, li jkun jista' jkompli, wara li jerġa' lura fl-Istat Membru ta' oriġini, ħajja tal-familja eventwalment mibdija fl-Istat Membru ospitanti[7]. Biex ikun jista' jibbenefika minn dan id-dritt ta' residenza, ir-residenza taċ-ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti għandha madankollu tkun ikkaratterizzata minn biżżejjed effettività sabiex tippermettilu jiżviluppa jew jikkonsolida ħajja tal-familja[8].

26. Illum huwa paċifiku li, "meta, fl-okkażjoni ta' residenza effettiva taċ-ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti, skont u b'osservanza tal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(1) u (2) tad-Direttiva 2004/38, ħajja tal-familja tiżviluppa jew tikkonsolida ruħha f'dan l-aħħar Stat Membru, l-effettività tad-drittijiet li ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernat jieħu mill-Artikolu 21(1) TFUE jeħtieġ li l-ħajja tal-familja li dan iċ-ċittadin ikun għex fl-Istat Membru ospitanti tkun tista' titkompla meta jerġa' lura fl-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu, permezz tal-għoti ta' dritt ta' residenza derivat, lill-membru tal-familja kkonċernat, ċittadin ta' Stat terz. Fil-fatt, fl-assenza ta' tali dritt ta' residenza

4 Enfasi miżjud minni.

5 Sentenza tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punt 37). Ara wkoll, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et* (C-133/15, EU:C:2017:354, punt 53) u tal-14 ta' Novembru 2017, Lounes (C-165/16, EU:C:2017:862, punt 33).

6 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punti 50 u 61); tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et* (C-133/15, EU:C:2017:354, punti 54 u 55); tal-14 ta' Novembru 2017, Lounes (C-165/16, EU:C:2017:862, punti 46 u 61), kif ukoll, fir-rigward tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 5, Vol. 1, p. 15) sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007, Eind (C-291/05, EU:C:2007:771, punt 39).

7 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2007, Eind (C-291/05, EU:C:2007:771, punti 35, 36 u 45); tat-8 ta' Novembru 2012, Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 70), kif ukoll tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punt 46). Sa mill-1992, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet li d-drittijiet ta' moviment u ta' stabbiliment rikonoxxuti liċ-ċittadin tal-Unjoni mit-trattati "ma setgħux jipproduċu l-effetti sħaħ tagħhom jekk dak iċ-ċittadin seta' jiġi prekluż milli jeżerċitahom permezz tal-ostakli maħluqin, fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu, mad-dħul u mar-residenza tal-konjuġi tiegħu. Din hija r-raġuni għaliex il-konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun għamel użu minn dawk id-drittijiet għandu, meta dan tal-aħħar jirritorna fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu, ikollu tal-inqas l-istess drittijiet ta' dħul u ta' residenza bħal dawk li jagħtih id-dritt tal-Unjoni jekk żewġha jew martu jagħżlu li jidħlu u jirrisjedu fi Stat Membru ieħor" (sentenza tas-7 ta' Lulju 1992, Singh, C-370/90, EU:C:1992:296, punt 23). Għal applikazzjoni ta' din il-ġurisprudenza, ara, wkoll, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2002, Carpenter (C-60/00, EU:C:2002:434, punti 38 u 39).

8 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punt 51).

derivat, dan iċ-ċittadin tal-Unjoni jkun dissważ milli jitlaq l-Istat Membru tan-nazzjonalità tiegħu sabiex jeżerċita d-dritt ta' residenza tiegħu, skont l-Artikolu 21(1) TFUE, fi Stat Membru ieħor, minħabba l-fatt li ma għandux iċ-ċertezza li jkun jista' jkompli fl-Istat Membru ta' oriġni tiegħu ħajja tal-familja flimkien mal-qraba tiegħu kif żviluppata jew ikkonsolidata fl-Istat Membru ospitanti" [9].

27. F'dan il-każ, jidher li ċertament R. Coman u R. Hamilton ikkonsolidaw sewwasew ħajja tal-familja fl-okkażjoni tar-residenza effettiva fil-Belġju tal-ewwel wieħed, ċittadin tal-Unjoni. Fil-fatt, wara li kkoabita għal erba' snin fi New York u stabbilixxa, f'dik l-okkażjoni, ħajja tal-familja [10], ir-relazzjoni tagħhom ġiet ikkonsolidata inkontestabbilment biż-żwieġ tagħhom, fi Brussell, fil-5 ta' Novembru 2010.

28. Il-fatt li R. Hamilton ma għex b'mod mhux interrott ma' R. Coman f'dik il-belt ma jistax ineħħi mir-relazzjoni tagħhom in-natura effettiva tagħha. Fil-fatt, f'dinja globalizzata, ma huwiex rari li koppja li wieħed mill-membri tagħha jaħdem barra mill-pajjiż ma jaqsmux l-istess dar għal perijodi xi ftit jew wisq twal minħabba d-distanza li tissepara ż-żewġ pajjiżi, l-aċċessibbiltà tal-mezzi ta' trasport, l-impjieg tal-konjuġi l-ieħor jew ukoll l-iskola tat-tfal. Din l-assenza ta' koabitazzjoni ma tistax, minnha nfisha, taffettwa l-eżistenza ta' relazzjoni stabbli vera – li hija l-każ – u, konsegwentement l-eżistenza ta' ħajja tal-familja [11].

29. Id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jibqgħu għaldaqstant rilevanti peress li l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ikkontemplati fit-talba għal deċiżjoni preliminari tista' tkun utli għas-sentenza fil-kawża li għandha quddiemha l-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija).

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari

30. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk il-kunċett ta' "konjuġi" użat fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7, 9, 21 u 45 tal-Karta, japplikax għal ċittadin ta' Stat terz tal-istess sess bħaċ-ċittadin tal-Unjoni li lilu huwa legalment miżżewweġ skont il-liġi ta' Stat Membru li ma huwiex l-Istat ospitanti.

31. Il-partijiet li ppreżentaw osservazzjonijiet jipproponu żewġ risposti totalment opposti. Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni, l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 għandu jkun is-suġġett ta' interpretazzjoni awtonoma u uniformi. Skont din, iċ-ċittadin ta' Stat terz tal-istess sess bħaċ-ċittadin tal-Unjoni li lilu huwa legalment miżżewweġ skont id-dritt ta' Stat Membru jaqa' taħt il-kunċett ta' "konjuġi". Min-naħa l-oħra, il-Gvern Rumen, dak Latvjan u dak Pollakk u jikkunsidraw li dan il-kunċett ma jaqax taħt id-dritt tal-Unjoni imma għandu jiġi ddefinit fid-dawl tal-liġi tal-Istat Membru ospitanti.

32. Din l-aħħar teżi ma jidhirlix li tista' tiġi segwita. Min-naħa l-oħra, jidhirli li għandha tiġi adottata l-interpretazzjoni awtonoma u li din twassal biex il-kunċett ta' "konjuġi" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 jinftiehem indipendentement mis-sess tal-persuna li tkun miżżewġa lil ċittadin tal-Unjoni.

9 Sentenza tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punt 54).

10 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, "[i]ċ-ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni jibbenefikaw permezz tad-Direttiva 2004/38 mid-dritt li jingħaqdu ma' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni fl-Istat Membru ospitanti, *kemm jekk stabbilixxa ruħu qabel u kemm stabbilixxa ruħu wara* li jkun beda familja" (sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Metock *et*, C-127/08, EU:C:2008:449, punt 90; enfasi miżjud minni).

11 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 7 ta' Novembru 2013, Vallianatos *et* vs Il-Greċja, CE:ECHR:2013:1107JUD002938109, punt 73; Qorti EDB, 21 ta' Lulju 2015, Oliari *et* vs L-Italja, CE:ECHR:2015:0721JUD001876611, punt 169, kif ukoll Qorti EDB, 23 ta' Frar 2016, Pajić vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2016:0223JUD006845313, punt 65. Ir-realtà tal-ħajja ta' koppja ta' R. Coman u R. Hamilton qabel il-"konsolidazzjoni" tagħha fi Stat Membru tal-Unjoni tippermetti li ssir distinzjoni bejn is-sitwazzjoni tagħhom u dawk li wasslu għas-sentenza tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135).

1. Interpretazzjoni awtonoma tal-kunċett ta' "konjuġi"

33. Għalkemm l-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2004/38 dwar is-sieħeb/sieħba reġistrat jirreferi għall-"kondizzjonijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni rilevanti ta' l-Istat Memrbu ospitanti", l-Artikolu 2(2)(a) ta' din id-direttiva ma jagħmel ebda riferiment għad-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-kwalità ta' "konjuġi".

34. Issa, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, mir-rekwiżit kemm tal-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni kif ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li t-termini ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni li ma tagħmel ebda riferiment speċifiku għal-liġi tal-Istati Membri sabiex tiddetermina t-tifsira u l-għan tagħha għandha normalment tingħata interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-Unjoni [12]. Din l-interpretazzjoni għandha titfittex billi jitqiesu mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tad-dispożizzjoni u l-għan li għandu jintlaħaq mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni [13].

35. Din il-metodoloġija ġiet espressament użata fil-kuntest tad-Direttiva 2004/38; ma narax raġuni għalfejn wieħed għandu jevitaha għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konjuġi" [14].

36. Ċertament, huwa paċifiku li l-leġiżlazzjoni fuq l-istat ċivili taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri u li d-dritt tal-Unjoni ma jippreġudikax dik il-kompetenza [15]. Madankollu, għandhom isiru żewġ rimarki f'dan ir-rigward.

37. Minn naħa, skont ġurisprudenza stabbilita u trasversali, l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni [16]. Il-materji li jirrigwardaw l-istat ċivili tal-persuni ma jidderogawx minn din ir-regola, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet espressament li fl-eżerċizzju ta' dawn il-kompetenzi, d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni għandhom ikunu osservati [17].

38. Min-naħa l-oħra, il-problema ġuridika fiċ-ċentru tat-tilwima fil-kawża prinċipali ma hijiex dik tal-legalizzazzjoni taż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess imma dik tal-moviment liberu ta' ċittadin tal-Unjoni. Issa, għalkemm l-Istati Membri huma liberi li jipprovdu jew ma jipprovdux għaż-żwieġ għall-persuni tal-istess sess fl-ordinament ġuridiku intern tagħhom [18], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li sitwazzjoni li hija rregolata minn leġiżlazzjonijiet li jaqgħu *a priori* taħt il-kompetenza tal-Istati Membri jista' jkollha "relazzjoni intrinsika mal-libertà ta' moviment ta' ċittadin tal-Unjoni li tipprekludi li d-dritt ta' dħul u ta' residenza jiġi rrifjutat [liċ]-ċittadini [ta' pajjiż terz] fl-Istat Membru fejn jirrisjedi dan iċ-ċittadin, sabiex din il-libertà ma tiġix ippreġudikata" [19].

12 Ara, fost diversi eżempji, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 2016, Nikiforidis (C-135/15, EU:C:2016:774, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

13 Ara, għal applikazzjonijiet reċenti, is-sentenzi tat-18 ta' Mejju 2017, Hummel Holding (C-617/15, EU:C:2017:390, punt 22), u tas-27 ta' Settembru 2017, Nintendo (C-24/16 u C-25/16, EU:C:2017:724, punt 70).

14 Ara, fir-rigward tat-termini "li għex legalment" użatu fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 2004/38, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Ziolkowski u Szeja (C-424/10 u C-425/10, EU:C:2011:866, punti 31 sa 34). Ara, ukoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża Rahman *et* (C-83/11, EU:C:2012:174, punt 39), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-Kawżi Reyes (C-423/12, EU:C:2013:719, punt 29).

15 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2011, Römer (C-147/08, EU:C:2011:286, punt 38); tat-12 ta' Diċembru 2013, Hay (C-267/12, EU:C:2013:823, punt 26); tal-1 ta' April 2008, Maruko (C-267/06, EU:C:2008:179, punt 59), kif ukoll tal-24 ta' Novembru 2016, Parris (C-443/15, EU:C:2016:897, punt 58).

16 Ara, fil-qasam taċ-ċittadinanza, fir-rigward tal-ismijiet tal-persuni, is-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003, Garcia Avello (C-148/02, EU:C:2003:539, punt 25); fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, is-sentenza tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker (C-279/93, EU:C:1995:31, punt 21); kif ukoll fil-qasam kriminali, is-sentenza tad-19 ta' Jannar 1999, Calfa (C-348/96, EU:C:1999:6, punt 17).

17 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-1 ta' April 2008, Maruko (C-267/06, EU:C:2008:179, punt 59),u tal-24 ta' Novembru 2016, Parris (C-443/15, EU:C:2016:897, punt 58).

18 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2016, Parris (C-443/15, EU:C:2016:897, punt 59).

19 Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 72). Dak il-każ kien jirrigwarda leġiżlazzjoni li tikkonċerna d-dritt tad-dħul u ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol 6, p. 272) jew tad-Direttiva 2004/38.

39. Ir-reġistrazzjoni taż-żwieġ – mifhum biss bħala l-unjoni bejn raġel u mara – f'ċerti kostituzzjonijiet nazzjonali [20] ma hijiex tali li tbiddel dan l-approċċ.

40. Fil-fatt, kieku kellu jiġi kkunsidrat li t-tifsira taż-żwieġ tmiss l-identità nazzjonali ta' ċerti Stati Membri – ħaġa li ma ġiet sostnuta espressament minn ebda wieħed mill-Istati Membri li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub, imma biss mill-Gvern Latvjan waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru 2017 –, l-obbligu li tiġi rrispettata dik l-identità, li tinsab fl-Artikolu 4(2) TUE, ma jistax jinqara indipendentement mill-obbligu ta' kooperazzjoni leali stabbilit fil-paragarfu 3 tal-istess dispożizzjoni. Skont dan il-paragrafu, l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw l-eżekuzzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mit-trattati jew mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

41. Issa, f'dan il-każ, id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju jaqgħu esklużivament fil-kuntest tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38. Għaldaqstant, hemm bżonn biss li tiġi ppreċiżata l-portata ta' obbligu li jirriżulta minn att tal-Unjoni. Konsegwentement, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konjuġi", limitat għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38 dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqalqu u li jirrisjedu liberament fit-territorji tal-Istati Membri, ma tippreġudikax il-libertà attwali tal-Istati Membri fir-rigward tal-legalizzazzjoni taż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess [21].

42. Barra minn hekk, kif ser nesponi fl-analiżi tal-kuntest u tal-għanijiet tad-Direttiva 2004/38, id-drittijiet fundamentali marbutin mal-kunċett ta' "konjuġi" jipprekludu wkoll interpretazzjoni li tista' tipprekludi jew trendi iktar diffiċli li ċittadin/a tal-Unjoni omosesswali j/tkun akkumpanjat/a bil-persuna li lilha huwa (jew hija) miżżewweġ jew miżżewġa.

2. Fuq il-kunċett ta' "konjuġi" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38.

43. Għaldaqstant, għandha tiġi mfittxija interpretazzjoni tal-kelma "konjuġi" użata fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kliem tad-dispożizzjoni, tal-kuntest tagħha u tal-għan imfittex mid-Direttiva 2004/38.

a) Fuq il-formulazzjoni u l-istruttura tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38

44. Id-Direttiva 2004/38 ma tiddefinixxix il-kelma "konjuġi" li hija tuża f'diversi okkażjonijiet, b'mod partikolari fl-Artikolu 2(2)(a).

45. Madankollu, l-istruttura tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 magħquda mal-Artikolu 3(2)(b) tal-istess direttiva, tippermetti li jiġi affermat li l-kunċett ta' "konjuġi" jirreferi għal dak taż-"żwieġ".

46. Fil-fatt, barra mid-dixxendenti diretti u l-axxendenti diretti msemmija fl-Artikolu 2(2)(ċ) u (d) tad-Direttiva 2004/38, il-"membr[i] tal-familja" fis-sens tad-Direttiva 2004/38 huma l-konjuġi u s-sieħeb/sieħba li miegħu/magħha ċ-ċittadin tal-Unjoni daħal jew daħlet f'kuntratt ta' konvivenza rreġistrata. L-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2004/38 iżid mal-benefiċjarji tad-direttiva "is-sieħeb li miegħu ċ-ċittadin ta' l-Unjoni għandu relazzjoni stabbli, debitament ċertifikata".

20 Li huma r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblik tal-Litwanja u r-Repubblika tal-Polonja.

21 Ir-riflessjoni magħmula minn S. Pfeiff fil-kuntest ta' studju dettaljat fuq il-"portabbiltà tal-istatus personali" tista' tiġi trasposta għall-effetti tad-Direttiva 2004/38. Skont din l-awtriċi, "[l-]argument prinċipali mressaq kontra r-rikonoxximent taż-żwieġ omosesswali jikkonċerna r-rieda li jiġi protett iż-żwieġ tradizzjonali. Ir-rikonoxximent taż-żwieġ omosesswali barrani, madankollu, ma jippreġudikax direttament iż-żwieġ tradizzjonali fl-Istat tal-forum. *Huwa ma jipprekludix lill-koppji eterosesswali milli jiżżewġu. Huwa lanqas ma jippermetti lill-koppji tal-istess sess li jiżżewġu fl-Istat ospitanti. L-effett tar-rikonoxximent* taż-żwieġ omosesswali barrani huwa limitat għaldaqstant għall-koppji kkonċernati u *ma jippreġudikax l-istruttura aħħarija*" (Pfeiff S., *La portabilité du statut personnel dans l'espace européen*, Bruylant, Coll. Europe(s), 2017, speċ. Nru 636, p. 572; enfasi miżjud minni).

47. B'riskju li jkunu irrilevanti, dawn it-tliet ipoteżijiet jikkonċernaw neċessarjament is-sitwazzjonijiet differenti, minn dawk l-iktar restrittivi għal dawk l-iktar flessibbli mill-perspettiva legali. Peress li s-sempliċi relazzjoni mingħajr ebda rabta ġuridika tissemma fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2004/38 u peress li l-eżistenza ta' unjoni rreġistrata tissemma fl-Artikolu 2(2)(b) tad-direttiva, dan hu dak li għalih tirreferi l-kelma "konjuġi" fit-tielet u l-aħħar ipoteżi legalment konċepibbli, jiġifieri rapport ibbażat fuq iż-żwieġ [22].

48. Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà, impliċitament imma ċertament, assoċjat maż-żwieġ il-kunċett ta' "konjuġi" użat fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38. Fil-fatt, fl-okkażjoni tas-sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Metock *et* (C-127/08, EU:C:2008:449), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2004/38 kellu jiġi interpretat fis-sens li "ċ-ċittadin ta' pajjiż terz *miżżewweġ ma' ċittadin ta' l-Unjoni* li jgħix fi Stat Membru li tiegħu mhuwiex ċittadin, li jakkumpanja jew jingħaqad ma' dan iċ-ċittadin tal-Unjoni, igawdi mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmija direttiva, *indipendement mill-post u d-data taż-żwieġ tagħhom* kif ukoll mill-mod kif dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz daħal fl-Istat Membru ospitanti" [23].

49. Għaldaqstant għalkemm hemm ċertezza li l-kelma "konjuġi" użata fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 tirreferi għaż-żwieġ, hija madankollu newtrali għal dak li jirrigwarda s-sess u indifferenti fir-rigward tal-post fejn dan sar.

50. In-nuqqas ta' effett tal-post fejn ġie konkluż iż-żwieġ huwa kkonfermat, *a contrario*, mill-għażla tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jirreferi espressament għad-dritt tal-Istat Membru ospitanti f'każ ta' unjoni rreġistrata. Din id-differenza tista' faċilment tiġi spjegata bil-fatt li l-istituzzjoni ġuridika taż-żwieġ tippreżenta ċerta universalità – talinqas preżunta – fid-drittijiet u obbligi li hija tagħti lill-konjuġi, mentri l-leġiżlazzjonijiet li jirrigwardaw l-"konvivenzi" huma diversi u varji fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* u *ratione materiae* tagħhom, kif ukoll fil-konsegwenzi ġuridiċi tagħhom [24]. Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni rriżerva l-benefiċċju tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2004/38 għall-unjonijiet irreġistrati "ugwali għal żwieġ" [25].

22 Biex inkun preċiż, jibqa' possibbli li ssir distinzjoni bejn il-koabitazzjoni barra mir-rabta taż-żwieġ u s-sitwazzjoni fejn koppja kkonkludiet kuntratt irregolat mid-dritt privat biex jirregolaw ir-relazzjoni tagħhom (f'dan is-sens, Franq, St., "Nouvelles formes de relation de couple, mariage entre personnes de même sexe, partenariat enregistré, pacs, etc.", f'*Actualités du contentieux familial international*, Larcier, 2005, p. 253 sa 281, speċ. p. 255 sa 256). Fil-kuntest tad-Direttiva 2004/38, dawn iż-żewġ ipoteżijiet jidhirli, madankollu, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(2)(b).

23 Punt 99 u punt 2 tad-dispożittiv tas-sentenza, enfasi miżjud minni. Ara wkoll, is-sentenza tas-17 ta' April 1986, Reed (59/85, EU:C:1986:157). F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konjuġi" fis-sens tat-test ta' qabel id-Direttiva 2004/38 [jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Volum 1, p. 15)] li, "bl-użu tal-kelma 'konjuġi', dan ir-regolament jirreferi biss għal rapport ibbażat fuq żwieġ, bl-esklużjoni ta' relazzjoni ta' "sieħeb li għandu relazzjoni stabbli" (punt 15).

24 Dawn il-kriterji jippermettu li ssir distinzjoni bejn mhux inqas minn ħames kategoriji ta' unjonijiet irreġistrati fi ħdan l-Unjoni Ewropea. F'dan is-sens, Goossens, E., "Different regulatory regimes for registered partnership and marriage: out-dated or indispensable?", f'*Confronting the frontiers of family and succession law*: liber amicorum Walter Pintens, vol. 1, Intersentia, Slp ed., 2012, p. 633 sa 650, speċ. p. 634 sa 638.

25 Madankollu, jien nistaqsi dwar il-validità, fil-preżent, ta' dan ir-riferiment għad-dritt tal-Istat Membru ospitanti u dan iktar u iktar li huwa assoċjat bla ebda dubju mal-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(2)(b) tad-Direttiva 2004/38 għall-konvivenzi rreġistrati ugwali għaż-żwieġ. Fil-fatt, il-Qorti EDB iddeċidiet b'mod ċar ħafna li l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB"), jobbliga lill-Istati kontraenti fil-KEDB li joffru lill-koppji omosesswali l-possibbiltà li jiksbu rikonoxximent legali u l-protezzjoni legali tal-koppja tagħhom. Dan ifisser, b'mod konkret, li Stat li jillimita ż-żwieġ għall-koppji eterosesswali mingħajr ma jidħlu f'konvivenza rreġistrata disponibbli għall-koppji omosesswali jikser l-Artikolu 8 tal-KEDB u, konsegwentement, l-Artikolu 7 tal-Karta (ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 21 ta' Lulju 2015, Oliari *et* vs L-Italja, CE:ECHR:2015:0721JUD001876611). Fil-fatt, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, it-tifsira u l-portata tad-drittijiet li jikkorrispondu għad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB huma l-istess bħal dawk li tagħtihom il-konvenzjoni msemmija. Issa, skont l-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta – li għandhom "jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta mill-qrati ta' l-Unjoni" skont l-Artikolu 52(7) tal-Karta – id-drittijiet iggarantiti fl-Artikolu 7 tal-Karta jikkorrispondu għal dawk iggarantiti mill-Artikolu 8 tal-KEDB. Dawk tal-ewwel għandhom għaldaqstant l-istess tifsira u l-istess portata bħal dawk tat-tieni.

51. Ix-xogħol preparatorju tad-Direttiva 2004/38 jippermetti min-naħa tiegħu li tiġi kkonfermata n-natura deliberata tan-newtralità tal-kelma magħżula. Fil-fatt, filwaqt li l-kelma "konjuġi" kienet diġà użata mingħajr indikazzjoni oħra mill-Kummissjoni fil-proposta inizjali tagħha[26], il-Parlament xtaq li l-indifferenza fis-sess tal-persuna tissemma billi jiżdiedu l-kliem "ikun x'ikun is-sess, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tapplika fir-rigward"[27]. Madankollu, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea esprima l-eżitazzjoni tiegħu li jagħżel definizzjoni tal-kelma "konjuġi" li tkun tinkludi espliċitament il-konjuġi tal-istess sess peress li kienu biss żewġ Stati Membri li, dak iż-żmien, kienu adottaw leġiżlazzjoni li tawtorizza ż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess u li l-Qorti tal-Ġustizzja setgħet ukoll tikkonstata li d-definizzjoni taż-żwieġ ġeneralment aċċettata dak iż-żmien mill-Istati Membri kienet tirreferi għall-unjoni bejn żewġ persuni tas-sess oppost[28]. Billi bbażat ruħha fuq it-tħassib tal-Kunsill, il-Kummissjoni ppreferiet "tillimita l-proposta tagħha għal kunċett ta' konjuġi li jirreferi, fil-prinċipju, għall-konjuġi ta' sess differenti, *sakemm ma jkunx hemm evoluzzjoni fil-futur*"[29].

52. Għaldaqstant, jidhirli li ma jistax jinstilet argument minn dan ix-xogħol preparatorju favur xi teżi minnhom jew oħra. Fil-fatt, ċertament li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien perfettament konxju mill-kontroversja li seta' jkun hemm fuq l-interpretazzjoni tal-kelma "konjuġi" mingħajr definizzjoni ulterjuri. Madankollu, ma riedx jippreċiża dan il-kunċett, kemm jekk biex jillimitah għaż-żwieġ eterosesswali jew, min-naħa l-oħra, biex jikkontempla ż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess – il-Kummissjoni enfasizzat madankollu espressament il-possibbiltà ta' evoluzzjoni ta' dan is-suġġett. Din ir-riżerva tal-Kummissjoni hija essenzjali. Hija teskludi li s-sens tal-kunċett ta' "konjuġi" jkun iffriżat b'mod permanenti u ermetiku għall-iżviluppi fis-soċjetà[30].

53. Għaldaqstant, minn dan l-ewwel eżami jirriżulta li l-formulazzjoni tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 hija newtrali. Din l-għażla tal-leġiżlatur tawtorizza interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konjuġi" indipendenti mill-post taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ u mill-kwistjoni tas-sess tal-persuni kkonċernati. Il-kuntest u l-għan tad-Diretiva 2004/38 jikkonfermaw din l-interpretazzjoni.

b) Fuq il-kuntest tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38.

54. Meta d-Direttiva 2004/38 ġiet adottata, żewġ Stati Membri tal-Unjoni biss – ir-Renju tal-Belġju u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi – kellhom liġi li tippermetti ż-żwieġ għall-persuni tal-istess sess. Kif indikajt qabel, dan il-fatt kellu effett fuq l-għażla tal-Kunsill li ma jsegwix il-proposta għal emenda tal-Parlament favur formulazzjoni tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 iktar espliċita.

55. Madankollu, jidhirli li trid tittieħed inkunsiderazzjoni l-evoluzzjoni kkontemplata dak iż-żmien mill-Kummissjoni fil-proposta emendata tagħha. Barra minn hekk, il-kunċett ta' "konjuġi" huwa marbut ukoll mill-qrib ma' diversi drittijiet fundamentali; interpretazzjoni skont il-kuntest ma tistax tkun ermetika għalih.

26 Ara Artikolu 2(2)(a) tal-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri [COM(2001) 257 finali, (ĠU 2001, C 270 E, p.150)].

27 Ara r-rapport tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Jannar 2003 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (A5/2003/9).

28 Ara l-pożizzjoni komuni (KE) Nru 6/2004 meħuda mill-Kunsill fil-5 ta' Diċembru 2003 għall-adozzjoni tad-Direttiva 2004/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familji tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri li temenda r-Regolament Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU 2004, C 54 E, p. 28). Għalkemm il-Kunsill ma jippreċiżax il-ġurisprudenza li għaliha jirreferi, il-Kummissjoni tirreferi, fil-proposta emendata tagħha għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri [COM(2003) 199 finali] għas-sentenza tal-31 ta' Mejju 2001, D u L-Isvezja vs Il-Kunsill (C-122/99 P u C-125/99 P, EU:C:2001:304, punt 34).

29 Ara l-proposta emendata għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri [COM(2003) 199 finali, p. 11]. Enfasi miżjud minni.

30 Dan ir-riskju u d-diffikultà iktar ġenerali biex tiġi stabbilita l-intenzjoni tal-leġiżlatur iwasslu barra minn hekk biex jagħtu lill-interpretazzjoni storika rwol sekondarju. Ara, f'dan is-sens, Titshaw, Sc., "Same-sex Spouses Lost in Translation? How to Interpet 'Spouse' in the E.U. Family Migration Directives", *Bodson University International Law Journal*, 2016, vol. 34:45, p. 45 sa 112, speċ. p. 76 sa 78.

1) Fuq l-interpretazzjoni evoluttiva tal-kunċett ta' "konjuġi"

56. Kif diversi avukati ġenerali diġà kellhom l-okkażjoni li jsostnu, id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat "fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-lum"[31], jiġifieri billi tittieħed inkunsiderazzjoni r-"realtà kontemporanja"[32] tal-Unjoni. Fil-fatt, id-dritt ma jistax ikun "iżolat mir-realtà soċjali u ma jistax ikun eżentat milli jkun adattat għal dik ir-realtà kemm jista' jkun malajr. Altrimenti, ikun hemm ir-riskju li jiġu imposti perspettivi antikwati u jittieħed għaldaqstant rwol statiku"[33]. Dan huwa bla ebda dubju partikolarment il-każ f'materji li jmissu s-soċjetà. Kif spjegaha l-Avukat Ġenerali Geelhoed, "[j]ekk il-Qorti tal-Ġustizzja tinjora dawn l-evoluzzjonijiet, ikun hemm ir-riskju li titneħħa parti mill-effikaċjà tar-regoli tad-dritt ikkonċernati"[34]. Kif indikat il-Qorti tal-Ġustizzja stess, dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-istat ta' evoluzzjoni tiegħu fid-data li fiha tiġi applikata d-dispożizzjoni in kwistjoni[35].

57. Din hija r-raġuni għaliex jidhirli li s-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-31 ta' Mejju 2001, D u L-Isvezja vs Il-Kunsill (C-122/99 P u C-125/99 P, EU:C:2001:304), fejn jingħad "il-kelma 'żwieġ', skont id-definizzjoni *komunement aċċettata mill-Istati Membri*, tirreferi għal unjoni bejn żewġ persuni ta' sess differenti"[36], hija llum antikwata.

58. Fil-fatt, għalkemm fi tmiem l-2004 kien hemm biss żewġ Stati Membri li kienu jawtorizzaw iż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess, ħdax-il Stat Membru ieħor kienu sa minn dak iż-żmien emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom f'dan is-sens u ż-żwieġ omosesswali se jkun ukoll possibbli fl-Awstrija, sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2019[37]. Dan ir-rikonoxximent ġuridiku taż-żwieġ omosesswali sempliċement jirrifletti l-evoluzzjoni ġenerali tas-soċjetà fir-rigward tal-kwistjoni. L-istħarriġ statistiku jikkonfermawh[38]; l-awtorizzazzjoni taż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess permezz ta' referendum fl-Irlanda hija wkoll prova ta' dan[39]. Għalkemm għadhom jeżistu differenzi sostanzjali dwar

31 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Haralambidis (C-270/13, EU:C:2014:1358, punt 52).

32 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:345, punt 63).

33 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tesauro fil-kawża P./S. (C-13/94, EU:C:1995:444, punt 9).

34 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Geelhoed fil-kawża Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2001:385, punt 20).

35 Ara s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit *et* (283/81, EU:C:1982:335, punt 20).

36 Punt 34, enfasi miżjuda minni.

37 Fil-fatt, permezz ta' sentenza tal-4 ta' Diċembru 2017 (G 258-259/2017-9), il-Qorti Kostituzzjonali Awstrijaka annullat id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jillimitaw id-dritt taż-żwieġ għall-koppji eterosesswali u, barra minn hekk, iddeċidiet li, sakemm ma jkunx hemm intervent mil-leġiżlatur qabel din id-data, iż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess ser ikun possibbli mill-1 ta' Jannar 2019. L-Istati Membri li diġà emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom huma, f'ordni kronoloġika: ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Renju tal-Belġju, ir-Renju ta' Spanja, ir-Renju tal-Isvezja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Franċiża, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja (bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq), il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Irlanda, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika ta' Malta.

38 Filwaqt li 44 % tal-popolazzjoni tal-Istati Membri interrogati rrispondew favur iż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess matul l-2006 (ara Standard Eurobarometer 66, Ħarifa 2006, p. 43), din iċ-ċifra kienet telgħet għal 61 % f'inqas minn għaxar snin iktar tard (ara Special Eurobarometer 437, "Discrimination in the EU in 2015", p. 12).

39 Il-kwistjoni dwar jekk għandhiex tiġi emendata l-kostituzzjoni biex jitniżżel li ż-żwieġ seta' jiġi kkuntrattat, skont il-liġi, bejn żewġ persuni mingħajr distinzjoni bbażata fuq is-sess, saret lill-Irlandiżi f'referendum fit-22 ta' Mejju 2015. Minn 1 935 907 votant, 1 201 607 vvutaw favur il-proposta, jiġifieri 62.07 % (ara r-riżultati ppubblikati fl-Iris Oifigiúil tas-26 ta' Mejju 2015, Nru 42, p. 1067 sa 1069: www.irisoifigiuil.ie/archive/2015/may/Ir260515.PDF).

il-kwistjoni, inkluż fi ħdan l-Unjoni[40], l-evoluzzjoni hija parti madankollu minn moviment ġenerali. Fil-fatt, il-kontinenti kollha llum jirrikonoxxu dan it-tip ta' żwieġ[41]. Għaldaqstant, dan ma huwiex fatt marbut ma' kultura jew ma' storja speċifika imma jikkorrispondi, min-naħa l-oħra, għal rikonoxximent universali tad-diversità tal-familji[42].

2) Fuq id-drittijiet fundamentali b'rabta mal-kunċett ta' "konjuġi"

59. Il-kunċett ta' "konjuġi" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 huwa neċessarjament marbut mal-ħajja familjari u, konsegwentement, mal-protezzjoni li jagħtiha l-Artikolu 7 tal-Karta. Il-portata ta' dan l-artikolu għandha, għaldaqstant, tittieħed inkunsiderazzjoni meta tingħata interpretazzjoni skont il-kuntest[43]. F'dan ir-rigward, l-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB ma tistax tiġi injorata.

60. Fil-fatt, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, it-tifsira u l-portata tad-drittijiet li jikkorrispondu għad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB huma l-istess bħal dawk stabbiliti mill-imsemmija konvenzjoni. Issa, skont l-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-drittijiet fundamentali – li għandhom "jingħataw il-kunsiderazzjoni dovuta mill-qrati ta' l-Unjoni"[44] –, id-drittijiet iggarantiti fl-Artikolu 7 tal-Karta jikkorrispondu għal dawk iggarantiti mill-Artikolu 8 tal-KEDB. Dawk tal-ewwel għandhom għaldaqstant l-istess tifsira u l-istess portata bħal dawk tat-tieni[45].

61. Issa, l-evoluzzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB dwar l-Artikolu 8 tal-KEDB hija sinjifikattiva.

40 Għall-kuntrarju tal-Irlanda, iż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess ġie, pereżempju, miċħud b'referendum fil-Kroazja fl-1 ta' Diċembru 2013.

41 Jekk ma niżbaljax, iż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess ġie permess, sallum u talinqas, permezz ta' liġi fil-Kanada (Civil Marriage Act, S.C. 2005, c. 33); fi New Zealand [Marriage (Definition of Marriage) Amendment Act 2013, 2013 N° 20]; fl-Afrika ta' Isfel (Civil Union Act, 2006, Act N° 17 of 2006); fl-Arġentina [Ley 26.618 (Ley de Matrimonio Igualitario)]; fl-Urugwaj (Ley N° 19.075, Matrimonio Igualitario), u wkoll fil-Brażil (Resolução n° 175, de 14 de maio de 2013 do Conselho Nacional de Justiça) u, permezz tal-ġurisprudenza, fil-Messiku (sentenza tal-Qorti Suprema Nru 155/2015 tat-3 ta' Ġunju 2015), fl-Istati Uniti [sentenza tal-Qorti Suprema tas-26 ta' Ġunju 2015, "Obergefell *et al.* *vs* Hodges, Director, Ohio Department of Health, *et al*", 576 U.S. (2015)], fil-Kolombja (sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali SU-214/16 tat-28 ta' April 2016, kawża T 4167863 AC) u wkoll it-Tajwan [sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika taċ-Ċina (Tajwan) tal-24 ta' Mejju 2017, J.Y. Interpretation N° 748, fuq it-talbiet ikkonsolidati ta' Huei-Tai-12674 u Huei-Tai-12771].

42 Barra mit-tlettax-il Stat Membru li llegalizzaw iż-żwieġ omosesswali, disa' Stati Membri oħra jirrikonoxxu l-konvivenza rreġistrata bħala miftuħa għall-koppji tal-istess sess. Dawn huma r-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Awstrija (kif indikat preċedentement, iż-żwieġ omosesswali barra minn hekk se jkun awtorizzat sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2019) u r-Repubblika tas-Slovenja. Minkejja l-obbligu pożittiv li jirriżulta mill-Artikolu 8 tal-KEDB – u għaldaqstant mill-Artikolu 7 tal-Karta – li l-koppji omosesswali jkollhom il-possibbiltà li jiksbu rikonoxximent legali u l-protezzjoni legali għall-koppja tagħhom (ara Qorti EDB, 21 ta' Lulju 2015, Oliari *et* vs L-Italja, CE:ECHR:2015:0721JUD001876611, punt 185), sitt Stati Membri ma jagħrfu ebda rikonoxximent uffiċjali u legali tal-koppji tal-istess sess (ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija u r-Repubblika Slovakka).

43 Il-premessa 31 tad-Direttiva 2004/38 tfakkar espressament li d-Direttiva tirrispetta d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali rikonoxxuti mill-Karta. Il-qorti tar-rinviju tinvoka wkoll l-Artikolu 9 (Id-dritt għaż-żwieġ u d-dritt għat-twaqqif ta' familja), 21 (Non-diskriminazzjoni) u 45 (Il-libertà ta' moviment u ta' residenza) tal-Karta. L-Artikolu 9 tal-Karta ma jidhirlix li huwa rilevanti. Fil-fatt, minn naħa, l-iżviluppi tal-ispjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-drittijiet fundamentali (ĠU 2007, C 303, p. 17) dwar dan l-artikolu jippreċiżaw li għalkemm il-mod kif inkiteb dan l-artikolu "ġie mmodernizzat [, meta mqabbel mal-Artikolu 12 tal-KEDB] sabiex ikunu koperti il-każijiet fejn il-leġislazzjoni nazzjonali tirrikonoxxi, apparti miż-żwieġ, arranġamenti oħrajn biex titwaqqaf familja[, d]an l-Artikolu *la jipprojbixxi u lanqas jimponi* l-għoti ta' status ta' żwieġ lil unjonijiet bejn nies ta' l-istess sess" (enfasi miżjuda minni). Il-libertà tal-Istati Membri hija, f'dan ir-rigward, ikkonfermata mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Novembru 2016, Parris, C-443/15, EU:C:2016:897, punt 59) u tal-Qorti EDB (ar, b'mod partikolari, Qorti EDB, 9 ta' Ġunju 2016, Chapin u Charpentier vs Franza, CE:ECHR:2016:0609JUD004018307, punti 38 u 39). Min-naħa l-oħra, R. Coman u R. Hamilton setgħu, f'dan il-każ, jeżerċitaw dan id-dritt fil-Belġju. Il-libertà ta' moviment stabbilita fl-Artikolu 45 tal-Karta hija, min-naħa tagħha, ippreċiżata fid-Direttiva 2004/38. Ser neżamina l-effett ta' dan id-dritt fuq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konjuġi" waqt li neżamina l-għan imfittex mid-Direttiva 2004/38.

44 Artikolu 52(7) tal-Karta.

45 Ara, f'dan is-sens, Spjegazzjonijiet dwar il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, "Spjegazzjoni dwar l-Artikolu 7 – Rispett għall-ħajja privata u tal-familja" (ĠU 2007, C 303, p. 20).

62. Fil-fatt, għalkemm il-Qorti EDB tikkonferma b'mod kostanti l-libertà tal-Istati li jiftħu ż-żwieġ għall-persuni tal-istess sess[46], hija ddeċidiet, mill-bidu tas-snin 2010, li kien "artifiċjali li jibqa' jiġi kkunsidrat li, għall-kuntrarju ta' koppja eterosesswali, koppja omosesswali ma jistax ikollha 'ħajja familjari' għall-iskopijiet tal-Artikolu 8 [tal-KEDB]"[47]. Minn dakinhar 'l hawn, din l-interpretazzjoni ġiet ikkonfermata f'diversi okkażjonijiet[48]. Il-Qorti EDB ikkonfermat ukoll li l-Artikolu 8 tal-KEDB kien jimponi fuq l-Istati l-obbligu li joffru lill-koppji omosesswali l-possibbiltà li jiksbu rikonoxximent legali u l-protezzjoni ġuridika għall-koppja tagħhom[49].

63. L-effett ta' din l-evoluzzjoni fil-mod kif tinftiehem il-ħajja familjari fuq id-dritt ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi huwa ċert. Fil-fatt, għalkemm l-Artikolu 8 tal-KEDB ma fih ebda obbligu ġenerali biex jiġi aċċettat l-istabbiliment ta' konjuġi mhux ċittadini jew biex tiġi awtorizzata r-riunifikazzjoni tal-familja fit-territorju ta' Stat kontraenti, id-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati fil-qasam tal-immigrazzjoni jistgħu, f'ċerti każijiet, jikkostitwixxu interferenza fl-eżerċizzju tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u familjari protett mill-Artikolu 8 tal-KEDB[50]. Dan huwa partikolarment il-każ meta l-persuni kkonċernati jkollhom, fl-Istat ospitanti, relazzjonijiet personali jew familjari suffiċjentement b'saħħithom li jirriskjaw li jkunu serjament ippreġudikati f'każ ta' applikazzjoni tal-miżura inkwistjoni[51].

64. Issa, skont il-Qorti EDB, jekk "il-protezzjoni tal-familja tradizzjonali tista', f'ċerti ċirkustanzi, tikkostitwixxi għan leġittimu […], [hija] tikkunsidra li, fil-qasam ikkonċernat, jiġifieri l-għoti ta' permess ta' residenza minħabba raġuni familjari lil sieħeb barrani omosesswali, hija ma tistax tikkostitwixxi raġuni 'partikolarment solida u konvinċenti' ta' natura tali li tiġġustifika, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali"[52].

65. Jidher ukoll li l-Qorti EDB hija inklinata li tikkunsidra li differenza fit-trattament li hija bbażata biss – *jew b'mod deċiżiv* – fuq kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw l-orjentazzjoni sesswali tar-rikorrent hija sempliċiment inaċċettabbli fid-dawl tal-KEDB[53]. F'kuntest ieħor, l-Avukat Ġenerali Jääskinen kien esprima fehma simili. Fil-fatt, kien deherlu "li huwa evidenti li l-għan marbut mal-protezzjoni taż-żwieġ jew tal-familja ma jistax jilleġittima diskriminazzjoni minħabba l-orjentazzjoni sesswali [, peress li h]uwa diffiċli li wieħed jaħseb liema rabta kawżali tista' tgħaqqad din it-tip ta' diskriminazzjoni, bħala mezz, u l-protezzjoni taż-żwieġ, bħala effett pożittiv li jista' jirriżulta minnha"[54].

66. Din l-evoluzzjoni tad-dritt għar-rispett tal-ħajja familjari jidhirli, għaldaqstant, li twassal għal interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konjuġi" neċessarjament indipendenti mis-sess tal-persuni kkonċernati meta hija limitata għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38.

46 Ara, f'dan is-sens, għal konferma reċenti u fejn tfakkret il-ġurisprudenza preċedenti, Qorti EDB, 9 ta' Ġunju 2016, Chapin u Charpentier vs Franza, CE:ECHR:2016:0609JUD004018307, punti 38 u 39 (fir-rigward tal-Artikolu 12 tal-KEDB) u punt 48 (fir-rigward tal-Artikolu 8 magħdud mal-Artikolu 14 tal-KEDB, li jipprojbixxi d-diskriminazzjonijiet).

47 Qorti EDB, 24 ta' Ġunju 2010, Schalk u Kopf vs L-Awstrija, CE:ECHR:2010:0624JUD003014104, punt 94.

48 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 7 ta' Novembru 2013, Vallianatos *et* vs Il-Greċja, CE:ECHR:2013:1107JUD002938109, punt 73; Qorti EDB, 23 ta' Frar 2016, Pajić vs Kroazja, CE:ECHR:2016:0223JUD006845313, punt 64; Qorti EDB, 14 ta' Ġunju 2016, Aldeguer Tomás vs Spanja, CE:ECHR:2016:0614JUD003521409, punt 75, kif ukoll Qorti EDB, 30 ta' Ġunju 2016, Taddeucci u McCall vs L-Italja, CE:ECHR:2016:0630JUD005136209, punt 58.

49 Ara Qorti EDB, 21 ta' Lulju 2015, Oliari *et* vs L-Italja, CE:ECHR:2015:0721JUD001876611, punt 185.

50 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 30 ta' Ġunju 2016, Taddeucci u McCall vs L-Italja, CE:ECHR:2016:0630JUD005136209, punt 56.

51 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 30 ta' Ġunju 2016, Taddeucci u McCall vs L-Italja, CE:ECHR:2016:0630JUD005136209, punt 56.

52 Qorti EDB, 30 ta' Ġunju 2016, Taddeucci u McCall vs L-Italja, CE:ECHR:2016:0630JUD005136209, punt 93. Dwar l-assenza ta' "raġuni solida u konvinċenti", inkluż il-protezzjoni tal-familja "fis-sens tradizzjonali tal-kelma", biex tiġġustifika differenza fit-trattament ibbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali, ara, ukoll, Qorti EDB, 7 ta' Novembru 2013, Vallianatos *et* vs Il-Greċja, CE:ECHR:2013:1107JUD002938109. F'dan l-aħħar każ, kien hemm l-esklużjoni tal-koppji tal-istess sess mil-liġi li tirrigwarda l-konvivenza rreġistrata, u dan filwaqt li r-Repubblika Ellenika ma kienet toffri ebda rikonoxximent uffiċjali u legali ieħor lil dawn il-koppji, b'kuntrast mal-koppji eterosesswali.

53 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 23 ta' Frar 2016, Pajić vs Kroazja, CE:ECHR:2016:0223JUD006845313, punti 59 u 84, kif ukoll Qorti EDB, 30 ta' Ġunju 2016, Taddeucci u McCall vs L-Italja, CE:ECHR:2016:0630JUD005136209, punt 89.

54 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-kawża Römer (C-147/08, EU:C:2010:425, punt 175).

67. Fil-fatt, din l-interpretazzjoni tiżgura b'mod mill-aħjar ir-rispett tal-ħajja familjari ggarantit bl-Artikolu 7 tal-Karta filwaqt li tħalli lill-Istati Membri l-libertà li jawtorizzaw jew ma jawtorizzawx iż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess. Min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni kuntrarja tkun tikkostitwixxi differenza fit-trattament bejn il-koppji miżżewġa skont jekk humiex omosesswali jew ta' sessi differenti peress li ebda Stat Membru ma jipprojbixxi ż-żwieġ eterosesswali. Peress li hija bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali, tali differenza fit-trattament hija inaċċettabbli fid-dawl tad-Direttiva 2004/38, kif ukoll tal-Karta, kif din għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-KEDB.

c) Fuq l-għan imfittex mid-Direttiva 2004/38

68. L-għan imfittex mid-Direttiva 2004/38 isaħħaħ ukoll interpretazzjoni tal-kelma "konjuġi" indipendenti mill-orjentazzjoni sesswali.

69. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li d-Direttiva 2004/38 tfittex li tiffaċilita l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali u individwali li wieħed jiċċaqlaq u jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri li huwa mogħti direttament liċ-ċittadini tal-Unjoni mill-Artikolu 21(1) TFUE u biex isaħħaħ dan id-dritt [55].

70. Dan l-għan huwa mfakkar sa mill-premessa 1 tad-Direttiva 2004/38. Il-premessa 2 iżżid li l-moviment liberu tal-persuni jikkostitwixxi waħda mil-libertajiet tas-suq intern, fejn dan huwa mill-bqija stabbilit fl-Artikolu 45 tal-Karta.

71. Il-premessa 5 tad-Direttiva 2004/38 tinsisti barra minn hekk fuq il-fatt li d-dritt taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni li jiċċaqalqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri għandu, biex ikun jista' jiġi eżerċitat taħt il-kundizzjonijiet oġġettivi tal-libertà u d-dinjità, jingħata wkoll lill-membri tal-familja tagħhom, irrispettivament miċ-ċittadinanza tagħhom [56]. Fil-fatt, kif il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat diversi drabi, kieku ċ-ċittadini tal-Unjoni ma kellhomx id-dritt li jkollhom ħajja ta' familja normali fl-Istat Membru ospitanti, l-eżerċizzju tal-libertajiet iggarantiti liċ-ċittadini tal-Unjoni mit-Trattat ikun serjament ostakolat [57].

72. Huwa b'dan il-mod li kif fakkart waqt l-eżami tal-applikabbiltà tad-Direttiva 2004/38 għall-każ ineżami, iċ-ċittadini tal-Unjoni jistgħu jkunu dissważi milli jitilqu l-Istat Membru li tiegħu għandhom in-nazzjonalità u li jistabbilixxu ruħhom fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jekk ma jkollhomx iċ-ċertezza li jkunu jistgħu jkomplu, wara li jerġa' lura fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, ħajja tal-familja possibbilment mibdija permezz taż-żwieġ jew tar-riunifikazzjoni tal-familja, fl-Istat Membru ospitanti [58].

55 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2008, Metock *et* (C-127/08, EU:C:2008:449, punt 82); tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punt 35); tat-18 ta' Diċembru 2014, McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:2450, punt 33), kif ukoll tal-14 ta' Novembru 2017, Lounes (C-165/16, EU:C:2017:862, punt 31).

56 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2014, McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:2450, punt 33), kif ukoll tal-14 ta' Novembru 2017, Lounes (C-165/16, EU:C:2017:862, punt 31).

57 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Metock *et* (C-127/08, EU:C:2008:449, punt 62) u, qabel id-Direttiva 2004/38, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2002, Carpenter (C-60/00, EU:C:2002:434, punti 38 u 39).

58 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-7 ta' Lulju 1992, Singh (C-370/90, EU:C:1992:296, punti 19, 20 u 23); tal-11 ta' Lulju 2002, Carpenter (C-60/00, EU:C:2002:434, punt 38); tal-11 ta' Diċembru 2007, Eind (C-291/05, EU:C:2007:771, punti 35 u 36); tal-25 ta' Lulju 2008, Metock *et* (C-127/08, EU:C:2008:449, punt 64); tat-8 ta' Novembru 2012, Iida (C-40/11, EU:C:2012:691, punt 70), kif ukoll tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punt 46).

73. Minħabba dawn l-għanijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ssostni b'mod kostanti li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38 ma jistgħux jiġu interpretati b'mod restrittiv u ma għandhomx, f'kull każ, jiġu pprivati mill-effett utli tagħhom [59]. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet ukoll li dan huwa prinċipju li permezz tiegħu, "[i]d-dispożizzjonijiet li, bħad-Direttiva 2004/38, jistabbilixxu l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni, parti mill-bażi tal-Unjoni, għandhom jiġu interpretati b'mod wiesa" [60].

74. Konsegwentement, bejn interpretazzjoni tal-kelma "konjuġi" li tillimita l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38 u oħra li, b'osservanza tal-formulazzjoni tad-dispożizzjoni interpretata u l-kuntest tagħha, tiffavorixxi l-moviment liberu ta' numru ikbar ta' ċittadini, għandha tiġi adottata t-tieni interpretazzjoni.

75. Din l-għażla ta' interpretazzjoni hija iktar iġġustifikata peress li hija konformi ma' għan ieħor tad-Direttiva 2004/38, stabbilit fil-premessa 31, li jrid li l-Istati Membri jimplementaw id-Direttiva 2004/38 "mingħajr diskriminazzjoni bejn il-benefiċjarji ta' din id-Direttiva minħabba [...] preferenzi sesswali". Issa, definizzjoni tal-klema "konjuġi" li hija limitata għaż-żwieġ eterosesswali twassal inevitabbilment għal sitwazzjonijiet ta' diskriminazzjoni bbażati fuq l-orjentazzjoni sesswali [61].

76. Fl-aħħar nett, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konjuġi" indipendenti mill-kwistjoni tas-sess tal-persuni kkonċernati hija wkoll tali li tiggarantixxi livell għoli ta' ċertezza legali u ta' trasparenza peress li ċ-ċittadin tal-Unjoni li huwa legalment miżżewweġ jaf li żewġu, indipendentement mis-sess tiegħu, ser ikun ikkunsidrat bħala l-konjuġi tiegħu fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 fis-27 Stati Membri l-oħra tal-Unjoni [62].

3. Konklużjoni Intermedja

77. L-interpretazzjonijiet testwali, kuntestwali u teleoloġika tal-kunċett ta' "konjuġi" użat fl-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 jwasslu biex tingħatalu definizzjoni awtonoma indipendenti tal-orjentazzjoni sesswali [63].

78. L-ewwel nett, l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza jeżiġu li t-termini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma hijiex iddefinita u li ma tagħmel l-ebda riferiment espliċitu għal-liġi tal-Istati Membri bl-iskop li jiġu stabbiliti t-tifsira u l-portata tagħha għandhom jingħataw interpretazzjoni awtonoma u uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha.

79. Sussegwentement, għalkemm l-istruttura tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2004/38, flimkien mal-Artikolu 3(2)(b) tagħha teżiġi li l-kunċett ta' "konjuġi" jiġi assoċjat maż-żwieġ, il-leġiżlatur għamel, iktar minn hekk, l-għażla volontarja li juża kelma newtrali, li ma hijiex ippreċiżata b'xi mod ieħor.

59 Ara s-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2008, Metock *et* (C-127/08, EU:C:2008:449, punt 84) u tat-18 ta' Diċembru 2014, McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:2450, punt 32).

60 Sentenza tas-16 ta' Jannar 2014, Reyes (C-423/12, EU:C:2014:16, punt 23). Għal applikazzjonijiet ta' dan il-prinċipju għal testi ta' qabel id-Direttiva 2004/38, ara s-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2002, Baumbast u R (C-413/99, EU:C:2002:493, punt 74), kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2007, Eind (C-291/05, EU:C:2007:771, punt 43).

61 Ara, f'dan is-sens, Titshaw, Sc., "Same-sex Spouses Lost in Translation? How to Interpet 'Spouse' in the E.U. Family Migration Directives", *Bodson University International Law Journal*, 2016, vol. 34:45, p. 45 sa 112, speċ. p. 106.

62 Għal eżempju tat-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċertezza legali u tat-trasparenza fl-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-Direttiva 2004/38, ara s-sentenzi tal-15 ta' Settembru 2015, Alimanovic (C-67/14, EU:C:2015:597, punt 61) u tal-25 ta' Frar 2016, García-Nieto *et* (C-299/14, EU:C:2016:114, punt 49).

63 Ara, f'dan is-sens, Titshaw, Sc., "Same-sex Spouses Lost in Translation? How to Interpet 'Spouse' in the E.U. Family Migration Directives", *Bodson University International Law Journal*, 2016, vol. 34:45, p. 45 sa 112, speċ. p. 83 u 111.

80. Fl-aħħar nett, kemm l-evoluzzjoni tas-soċjetà Ewropea – li tagħha, in-numru ta' leġiżlazzjonijiet li jippermettu ż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess u d-definizzjoni attwali tal-ħajja tal-familja fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Karta huma r-rifless – kif ukoll l-għanijiet tad-Direttiva 2004/38 – jiffavorixxu l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-Unjoni b'osservanza tal-orjentazzjoni sesswali tagħhom – iwasslu biex il-kunċett ta' "konjuġi" jiġi interpretat indipendentement mill-orjentazzjoni sesswali [64].

C. Fuq it-tieni domanda preliminari

81. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38, moqrija fid-dawl tal-Artikoli 7, 9, 21 u 45 tal-Karta, jeżiġux li l-Istat Membru ospitanti jagħti d-dritt ta' residenza fit-territorju tiegħu għal żmien ta' iktar minn tliet xhur lill-konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni tal-istess sess.

82. L-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38 huwa ċar: id-dritt ta' ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi iktar minn tliet xhur fit-territorju ta' Stat Membru ieħor huwa estiż għall-konjuġi tiegħu, li huwa ċittadin ta' Stat terz, li jakkumpanjah jew li jingħaqad miegħu fl-Istat Membru ospitanti, sakemm dan iċ-ċittadin tal-Unjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(1)(a), (b) jew (ċ) tad-Direttiva 2004/38.

83. Dan huwa allura dritt awtomatiku. L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38 jikkonfermah.

84. Fil-fatt, kif ikkonstatat il-Qorti tal-Ġustizzja, "kemm mill-kliem tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38 kif ukoll mis-sistema ġenerali tagħha jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni stabbilixxa distinzjoni bejn il-membri tal-familja taċ-ċittadin tal-Unjoni ddefiniti fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2004/38 li jibbenefikaw minn dritt ta' dħul u ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti tal-imsemmi ċittadin, taħt il-kundizzjonijiet imsemmija f'din id-direttiva, u l-membri l-oħrajn tal-familja msemmija fl-Artikolu 3(2)(a) [ta' din id-]direttiva, li d-dħul u r-residenza tagħhom għandhom ikunu biss iffaċilitati minn dan l-Istat Membru" [65].

85. Madankollu, rajna li, fil-kuntest tal-kawża prinċipali, R. Hamilton ma setax jinvoka d-direttiva favur tiegħu peress li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38 ma jippermettux li jiġi bbażat dritt ta' residenza dderivat favur ċittadini ta' Stati terzi, li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, fl-Istat Membru ta' fejn dan iċ-ċittadin għandu n-nazzjonalità [66].

86. Madankollu, R. Hamilton għandu, fil-prinċipju, ikun jista' jibbenefika minn dritt ta' residenza dderivat ibbażat fuq l-Artikolu 21(1) TFUE u li tiġi applikata d-Direttiva 2004/38 b'analoġija [67].

64 L-effett tal-moviment liberu, tad-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja u tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni fuq il-kunċett ta' "konjuġi" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 huwa ġeneralment determinanti fl-analiżi tad-duttrina. Il-konklużjoni li għaliha jaslu l-awturi kkonsultati hija simili għal tiegħi. Ara, b'mod partikolari, Tryfonidou, A., "EU Free Movement Law and the Legal Recognition of Same-Sex Relationships: the Case for Mutual Recognition", *Columbia Journal of European Law*, 2015, vol. 21, p. 195 sa 248; Bell, Chl. u Bačić Selanec, N., "Who is a 'spouse' under the Citizens' Rights Directive? The prospect of mutual recognition of same-sex marriages in the EU", *European Law Review*, 2016, vol. 41, nru 5, p. 655 sa 686; Borg-Barthet, J., "The Principled Imperative to Recognise Same-Sex Unions in the EU", *Journal of Private International Law*, 2012, vol. 8, n°2, p. 359 sa 388; kif ukoll Bonini Baraldi, M., "EU Family Policies Between Domestic 'Good Old Values' and Fundamental Rights: The Case of Same-Sex Families", *Maastricht Journal of European and Comparative Law*, 2008, vol. 15, nru 4, p. 517 sa 551.

65 Sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Rahman *et* (C-83/11, EU:C:2012:519, punt 19).

66 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punt 37). Ara wkoll, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et* (C-133/15, EU:C:2017:354, punt 53) u tal-14 ta' Novembru 2017, Lounes (C-165/16, EU:C:2017:862, punt 33).

67 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punti 50 u 61); tal-10 ta' Mejju 2017, Chavez-Vilchez *et* (C-133/15, EU:C:2017:354, punti 54 u 55) kif ukoll tal-14 ta' Novembru 2017, Lounes (C-165/16, EU:C:2017:862, punti 46 u 61). Ara wkoll, l-argumenti taħt it-titolu A. dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2004/38 f'dawn il-konklużjonijiet.

87. F'dawn iċ-ċirkustanzi, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dritt ta' residenza dderivat applikabbli fl-Istat Membru ta' oriġini tal-konjuġi tiegħu ma għandhomx, fil-prinċipju, ikunu iktar stretti minn dawk previsti mill-imsemmija direttiva kieku kienet sitwazzjoni fejn il-konjuġi tiegħu eżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu billi jistabbilixxi ruħu fi Stat Membru differenti minn dak tan-nazzjonalità tiegħu [68].

88. B'mod konkret, b'applikazzjoni b'analoġija tad-Direttiva 2004/38, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' dritt ta' residenza għal żmien itwal minn tliet xhur liċ-ċittadin ta' Stat terz, li huwa l-konjuġi tal-istess sess ta' ċittadin tal-Unjoni, ma għandhomx, fil-prinċipju, ikunu iktar stretti minn dawk previsti fl-Artikolu 7(2) ta' din l-istess direttiva.

D. Fuq it-tielet u r-raba' domanda preliminari

89. It-tielet u r-raba' domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju jqumu biss f'każ fejn il-kunċett ta' "konjuġi" fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38 kellu jiġi interpretat bħala li jirreferi biss għall-koppji eterosesswali uniti bir-rabtiet taż-żwieġ.

90. Peress li fil-fehma tiegħi, din il-konklużjoni tmur kontra l-formulazzjoni u l-kuntest tad-dispożizzjoni inkwistjoni kif ukoll l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2004/38, ma huwiex neċessarju li tingħata risposta għalihom. Madankollu, sabiex inkun eżawrjenti, ser neżaminahom fil-qosor. Huma jistgħu, barra minn hekk, jiġu analizzati flimkien.

91. Fil-fatt, permezz tat-tielet u r-raba' domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk iċ-ċittadin ta' Stat terz, tal-istess sess bħaċ-ċittadin tal-Unjoni li lilu huwa miżżewweġ skont il-liġi ta' Stat Membru li ma huwiex l-Istat ospitanti, jistax, jekk ma jitqiesx bħala "konjuġi" fis-sens tad-Direttiva 2004/38, ikun ikklassifikat bħala "membri oħrajn tal-familja" jew "is-sieħeb li miegħu ċ-ċittadin ta' l-Unjoni għandu relazzjoni stabbli, debitament ċertifikata" fis-sens tal-Artikolu 3(2)(a) jew (b) tal-imsemmija direttiva u x'inhuma l-konsegwenzi ta' din l-eventwali klassifikazzjoni.

92. Kif spjegajt qabel, illum huwa artifiċjali li jiġi kkunsidrat li koppja omosesswali ma tistax ikollha ħajja tal-familja fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Karta [69].

93. Konsegwentement, ċertament ċittadin ta' Stat terz, li huwa tal-istess sess bħaċ-ċittadin tal-Unjoni miżżewweġ lilu skont il-liġi ta' Stat Membru jista' jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38, kemm bħala "membru ieħor tal-familja" jew bħala sieħeb li miegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni għandu relazzjoni stabbli, debitament ċertifikata.

94. Madankollu, mis-sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Rahman *et* (C-83/11, EU:C:2012:519) jirriżulta li l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38 ma jobbligax lill-Istati Membri jirrikonoxxu d-dritt ta' dħul u ta' residenza lil persuni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. Hija timponi fuqhom biss l-obbligu li jagħtu ċertu vantaġġ lit-talbiet magħmula minn persuni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tagħha, meta mqabbla mat-talbiet għal dħul u għal residenza ta' ċittadini oħrajn ta' Stati terzi [70].

68 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Marzu 2014, O. u B. (C-456/12, EU:C:2014:135, punt 61).

69 Ara l-analiżi fit-Titolu V, A, punt 2(b), Fuq id-drittijiet fundamentali b'rabta mal-kunċett ta' "konjuġi" ta' dawn il-konklużjonijiet.

70 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Rahman *et* (C-83/11, EU:C:2012:519, punt 21)..

95. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-Istati Membri kellhom, sabiex jissodisfaw dan l-obbligu, "skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38, […] għandhom jipprevedu l-possibbiltà li l-persuni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) ikunu jistgħu jiksbu deċiżjoni dwar it-talba tagħhom li tkun ibbażata fuq eżami fid-dettall tas-sitwazzjoni personali tagħhom u li, fil-każ ta' rifjut, din id-deċiżjoni għandha tkun motivata"[71].

96. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li l-Istati Membri għandhom "marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fir-rigward tal-għażla ta' fatturi li jridu jittieħdu inkunsiderazzjoni peress li] l-Istat Membru ospitanti għandu jiżgura li l-leġiżlazzjoni tiegħu tinkludi kriterji li jkunu konformi mat-tifsira normali tal-kelma 'jiffaċilita' […] u li ma jeliminawx l-effett utli ta' din id-dispożizzjoni"[72].

97. Dan il-marġni ta' diskrezzjoni jidhirli madankollu li għandu jkun imnaqqas fil-każ deskritt mill-qorti tar-rinviju.

98. Minn naħa, ir-rifjut li tintlaqa' t-talba għad-dħul u residenza ta' ċittadin ta' Stat terz, tal-istess sess bħaċ-ċittadin tal-Unjoni Ewropea li lilu huwa miżżewweġ skont il-liġi ta' Stat Membru, ma jistax ikun ibbażat esklużivament jew b'mod deċiżiv fuq l-orjentazzjoni sesswali taħt piena ta' ksur tal-Artikoli 7 u 21 tal-Karta[73]. F'dan ir-rigward, "għalkemm il-protezzjoni tal-familja tradizzjonali tista', f'ċerti ċirkustanzi, tikkostitwixxi għan leġittimu fid-dawl tal-Artikolu 14 [tal-KEDB li jipprojbixxi d-diskriminazzjonijiet], il-Qorti [Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem] tikkunsidra li, fil-qasam ikkonċernat, *jiġifieri l-għoti ta' permess ta' residenza minħabba l-familja lil sieħeb barrani omosesswali*, hija ma tistax tikkostitwixxi raġuni 'partikolarment soda u konvinċenti' ta' natura li tiġġustifika, fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali"[74].

99. Min-naħa l-oħra, l-obbligu li jiġi ffaċilitat id-dħul u r-residenza taċ-ċittadin ta' Stat terz tal-istess sess bħaċ-ċittadin tal-Unjoni Ewropea li lilu huwa miżżewweġ huwa iktar restrittiv u l-marġni ta' diskrezzjoni iżgħar meta l-Istat Membru ma jippermettix iż-żwieġ bejn persuni tal-istess sess u lanqas joffri l-possibbiltà lill-koppji omosesswali biex jidħlu f'koabitazzjoni rreġistrata. Fil-fatt, mill-Artikolu 8 tal-KEDB – u għaldaqstant mill-Artikolu 7 tal-Karta – jirriżulta obbligu pożittiv li lil dawn il-persuni, l-istess bħall-eterosesswali, tiġi offruta lilhom il-possibbiltà li jiksbu rikonoxximent legali u l-protezzjoni legali tal-koppja tagħhom[75]. Issa, l-għoti ta' permess ta' residenza lill-konjuġi ta' ċittadin tal-Unjoni jikkostitwixxi r-rikonoxximent u l-garanzija minima li tista' tingħatalhom.

VI. Konklużjoni

100. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Curtea Constituțională (il-Qorti Kostituzzjonali, ir-Rumanija) kif ġej:

"1) L-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "raġel jew martu [konjuġi]" japplika għal ċittadin ta' Stat terz tal-istess sess bħaċ-ċittadin tal-Unjoni Ewropea li lilu huwa miżżewweġ.

71 Sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Rahman *et* (C-83/11, EU:C:2012:519, punti 22 u 26).

72 Sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Rahman *et* (C-83/11, EU:C:2012:519, punti 24 u 26).

73 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 23 ta' Frar 2016, Pajić vs Kroazja, CE:ECHR:2016:0223JUD006845313, punti 59 u 84, kif ukoll Qorti EDB, 30 ta' Ġunju 2016, Taddeucci u McCall vs L-Italja, CE:ECHR:2016:0630JUD005136209, punt 89.

74 Qorti EDB, 30 ta' Ġunju 2016, Taddeucci u McCall vs L-Italja, CE:ECHR:2016:0630JUD005136209, punt 93; enfasi miżjuda minni.

75 Ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 21 ta' Lulju 2015, Oliari *et* vs L-Italja, CE:ECHR:2015:0721JUD001876611, punt 185.

2) L-Artikolu 3(1) u l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-konjuġi tal-istess sess ta' ċittadin tal-Unjoni li jakkumpanja lill-imsemmi ċittadin fit-territorju ta' Stat Membru ieħor jibbenefika hemmhekk minn dritt ta' residenza ta' iktar minn tliet xhur, sakemm dan tal-aħħar ikun jissoddisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(1)(a), (b) jew (ċ) ta' din id-direttiva.

   L-Artikolu 21(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn ċittadin tal-Unjoni żviluppa jew ikkonsolida ħajja tal-familja ma' ċittadin ta' Stat terz fl-okkażjoni ta' residenza effettiva fi Stat Membru li ma huwiex dak li tiegħu għandu n-nazzjonalità, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/38 japplikaw b'analoġija meta l-imsemmi ċittadin tal-Unjoni jirritorna, flimkien mal-membru tal-familja tiegħu kkonċernat, fl-Istat Membru tal-oriġini. F'dak il-każ, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta'dritt ta' residenza għal perijodu ta' iktar minn tliet xhur liċ-ċittadin ta' Stat terz, li huwa l-konjuġi tal-istess sess ta' ċittadin tal-Unjoni, ma għandhomx, fil-prinċipju, ikunu iktar stretti minn dawk previsti fl-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2004/38.

3) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38 għandu jiġi interpretat fis-sens li jista' japplika għal sitwazzjoni ta' ċittadin ta' Stat terz, tal-istess sess bħaċ-ċittadin tal-Unjoni li lilu huwa miżżewweġ skont il-liġi ta' Stat Membru, kemm jekk bħala "membru ieħor tal-familja" jew bħala "sieħeb li miegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni għandu relazzjoni stabbli, debitament ċertifikata".

4) L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38 għandu jiġi interpretat fis-sens:

   – li ma jobbligax lill-Istati Membri li jagħtu dritt ta' residenza fit-territorju tagħhom għal perijodu ta' iktar minn tliet xhur liċ-ċittadin ta' Stat terz legalment miżżewweġ lil ċittadin tal-Unjoni tal-istess sess;

   – li, madankollu, huwa l-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw li l-leġiżlazzjoni tagħhom tinkludi kriterji li jippermettu li l-imsemmija persuni jiksbu deċiżjoni dwar it-talba tagħhom għal dħul jew għal residenza li tkun ibbażata fuq eżami fid-dettall tas-sitwazzjoni personali tagħhom u li, fil-każ ta' rifjut, tkun motivata;

   – li, għalkemm l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesa' fl-għażla tal-imsemmija kriterji, dawn tal-aħħar għandhom, madankollu, ikunu konformi mas-sens normali tal-kelma "jiffaċilita" u ma jċaħħdux lil din id-dispożizzjoni mill-effettività tagħha, u

   – li r-rifjut oppost għat-talba għad-dħul u għar-residenza ma jistax, fi kwalunkwe każ, ikun ibbażat fuq l-orjentazzjoni sesswali tal-persuna kkonċernata".